MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 686/2011

**WEBCRAFT LIMITED (C – 20466)**

vs

Evan **CUMBO** eżerċenti l-kummerċ bl-isem ‘*Mireva Bookshop*’

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet lil din l-Qorti (a) ssib li l-imħarrek, fil-kwalita' tiegħu premessa, għandu jħallasha s-somma ta' wieħed u tletin elf tmien mija u sitta u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 31,896.50) li tirrappreżenta l-bilanċ ċert, likwidu u dovut għal servizzi li hija tatu skond il-ftehim magħmul bejniethom fl-4 ta' Settembru, 2008, jew dik is-somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha l-imsemmija somma ta' wieħed u tletin elf tmien mija u sitta u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 31,896.50) jew dik is-somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida u dan wara li l-Qorti tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u meħtieġ. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat lill-kumpannija attriċi direttivi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-10 ta' Awwissu, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li huwa għandu jħallas xi bilanċ lill-kumpannija attriċi għaliex qal li l-kumpannija attriċi naqset li twettaq kif jixraq ix-xogħol li kien ftiehem magħha li tagħtih, taħt il-prinċipju *inadimplendi non est ademplendum* u għaliex ix-xogħlijiet li qabbadha tagħtih ma kinux saru skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila jew ma sarux għal kollox. Temm jgħid li s-somom li diġa' ħallas lill-kumpannija attriċi kienu eżaġerati u abbużivi, kif kien fi ħsiebu jipprova waqt is-smigħ tal-kawża;

[1] Paġġ. 33 – 4 tal-proċess

Rat il-Kontro-Talba mressqa flimkien mal-imsemmija Tweġiba Maħlufa li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-imħarrek talab li l-Qorti ssib li (i) x-xogħlijiet magħmula mill-kumpannija attriċi rikonvenuta bis-saħħa tal-ftehim milħuq fl-4 ta' Settembru, 2008, ma kinux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u/jew ma kinux mitmuma kif miftiehem; (ii) tordna lill-istess kumpannija attriċi rikonvenuta trodlu lura s-somma ta' mija u disgħa u għoxrin elf disa' mija u disgħa u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 129,999.50) li huwa kien ħallasha; (iii) issib li huwa ġarrab danni, minħabba l-mod kif wettqet ix-xogħlijiet il-kumpannija attriċi rikonvenuta; (iv) tillikwida d-danni li huwa ġarrab b'riżultat ta' hekk, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan; u (v) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta biex tħallsu l-ammont ta' danni hekk likwidat. Talab l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ minn dakinhar;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fil-25 ta' Awwissu, 2011, li biha laqgħet għall-Kontro-Talba tal-imħarrek billi, b'mod preliminari, qalet li l-istess Kontro-Talba ma tiswiex għall-finijiet u effetti tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili billi tonqos fiha partikolarita' essenzjali mitluba mil-liġi u ksur fil-forma li tagħmilha ma tiswiex billi ma tħarisx dak li jitolbu l-artikoli 398(2) u 156(1)(d) tal-istess Kodiċi u billi t-talba rikonvenzjonali għar-radd lura tal-flus imħallsin lill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata ma hijiex ritwali ladarba talba bħal dik ma toqgħodx man-natura tal-azzjoni rikonvenzjonali li tinbena fuq il-premessa tat-twettiq ħażin ta' kuntratt ta' xogħol. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ladarba l-imħarrek rikonvenzjonant qiegħed jitlob ir-radd lura tal-ħlas li wettaq, ma jistax jitlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni taħt il-prinċipju li *electa una via non datur recursus ad alteram.* Żiedet tgħid li kull xogħol li wettqet taħt il-ftehim kien verifikat mill-imħarrek rikonvenjent li qatt ma ressaq magħha lmenti bħalma qiegħed iressaq issa fil-Kontro-Talba tiegħu, u dan qiegħed jagħmlu biss biex jipprova jeħles mill-obbligi tiegħu li jħallas il-bilanċ minnu dovut. Qalet ukoll li min jitlob ir-radd lura ta' flus imħallsa jrid jipprova li dan għamlu bi żball u, f'kull każ, talba bħal dik ma tistax issir fil-qafas ta' rabta kuntrattwali valida bil-kuntratt għadu fis-seħħ u saħansitra mġedded mill-istess imħarrek rikonvenjent. Ċaħdet li l-azzjoni rikonvenzjonali hija mistħoqqa għaliex ix-xogħol li hija

ikkonsenjat taħt il-ftehim sar kollu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet kontraenti. Temmet billi ċaħdet ukoll li hija b'xi mod ikkawżat danni lill-imħarrek rikonvenjent;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2011, li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, issir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpannija attriċi rikonvenuta u tingħata sentenza dwarha, u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fid-19 ta' Diċembru, 2011[2], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek rikonvenjent fis-7 ta' Frar, 2012[3], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija rikonvenzjonata;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġġ. 232 – 241 tal-proċess
[3] Paġġ. 243 – 251 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta’ bilanċ dwar servizzi mogħtija f’kuntratt ta’ appalt. Il-kumpannija attriċi (minn issa ’l quddiem imsejħa “Webcraft”) qiegħda titlob lill-imħarrek iħallasha bilanċ fatturat dwar servizzi minnha lilu mogħtijin biex tagħtih sistema ġdida ta’ informatika biex tibdel sistema li l-imħarrek kien diġà minflokha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi ċaħad li huwa għandu jħallas xi bilanċ lil Webcraft attriċi għaliex qal li kienet hi li naqset li twettaq kif jixraq ix-xogħol li kien ftiehem magħha li tagħtih, taħt il-prinċipju *inadimplendi non est ademplendum* u għaliex ix-xogħlijiet li qabbadha tagħtih ma kinux saru skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila jew ma sarux għal kollox. Temm jgħid li s-somom li diġa’ ħallas lil Webcraft kienu eżaġerati u abbużivi, kif kien fi ħsiebu jipprova waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi flimkien mal-imsemmija Tweġiba Maħlufa l-imħarrek ressaq Kontro-Talba li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li l-Qorti ssib li (i) x-xogħlijiet magħmula mill-kumpannija attriċi rikonvenuta bis-saħħa tal-ftehim milħuq fl-4 ta’ Settembru, 2008, ma sarux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u/jew ma kinux mitmuma kif miftiehem; (ii) tordna lill-istess kumpannija attriċi rikonvenuta trodlu lura s-somma ta’ mija u disgħa u għoxrin elf disa’ mija u disgħa u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€ 129,999.50) li huwa kien ħallasha; (iii) issib li huwa ġarrab danni, minħabba l-mod kif wettqet ix-xogħlijiet il-kumpannija attriċi rikonvenuta; (iv) tillikwida d-danni li huwa ġarrab b’riżultat ta’ hekk, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan; u (v) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta biex tħallsu l-ammont ta’ danni hekk likwidat. Talab l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b’seħħ minn dakinhar;

Illi Webcraft laqgħet għall-imsemmija azzjoni rikonvenzjonali billi, b’mod preliminari, qalet li l-istess Kontro-Talba ma tiswiex għall-finijiet u effetti tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili billi tonqos fiha partikolarita’ essenzjali mitluba mil-liġi u ksur fil-forma li tagħmilha ma tiswiex billi ma tħarisx dak li jitolbu l-artikoli 398(2)

u 156(1)(d) tal-istess Kodiċi u billi t-talba rikonvenzjonali għar-radd lura tal-flus imħallsin lill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata ma hijiex ritwali ladarba talba bħal dik ma toqgħodx man-natura tal-azzjoni rikonvenzjonali li tinbena fuq il-premessa tat-twettiq ħażin ta' kuntratt ta' xogħol. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ladarba l-imħarrek rikonvenzjonant qiegħed jitlob ir-radd lura tal-ħlas li wettaq, ma jistax jitlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni taħt il-prinċipju li *electa una via non datur recursus ad alteram.* Żiedet tgħid li kull xogħol li wettqet taħt il-ftehim kien verifikat mill-imħarrek rikonvenjent li qatt ma ressaq magħha lmenti bħalma qiegħed iressaq issa fil-Kontro-Talba tiegħu, u dan qiegħed jagħmlu biss biex jipprova jeħles mill-obbligi tiegħu li jħallas il-bilanċ minnu dovut. Qalet ukoll li min jitlob ir-radd lura ta' flus imħallsa jrid jipprova li dan għamlu bi żball u, f'kull każ, talba bħal dik ma tistax issir fil-qafas ta' rabta kuntrattwali valida bil-kuntratt għadu fis-seħħ u saħansitra mġedded mill-istess imħarrek rikonvenjent. Ċaħdet li l-azzjoni rikonvenzjonali hija mistħoqqa għaliex ix-xogħol li hija ikkonsenjat taħt il-ftehim sar kollu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skond kif kien miftiehem bejn il-partijiet kontraenti. Temmet billi ċaħdet ukoll li hija b'xi mod ikkawżat danni lill-imħarrek rikonvenjent;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar din l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' Webcraft dwar is-siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrek;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li bi ftehim milħuq fl-4 ta' Settembru, 2008, Webcraft intrabtet mal-imħarrek, fil-kwalita' tiegħu fuq imsemmija, biex tfornih b'sistema elettroniku dwar bejgħ ta' kotba u t-tfassil ta' *database* biex jibdlu s-sistema li l-imħarrek kien iħaddem sa dak iż-żmien fl-istabiliment kummerċjali tiegħu u biex tagħtih is-servizzi meħtieġa ta' taħriġ u *support* biex is-sistema mfassal ikun jista' jitħaddem sewwa. Is-sistema kien ser jiswa wieħed u sebgħin elf ewro (€ 71,000) u n-nefqa tas-servizzi kull sena li Webcraft kienet

intrabtet li tagħti kienet ta' tmintax-il elf u seba' mitt ewro (€18,700)[4]. Il-ftehim kien maħsub li jtul tliet (3) snin;

Illi s-sistema l-ġdid kien stallat fil-21 ta' Settembru tal-2009 u dakinhar intefa s-sistema l-qadim li l-imħarrek kien iħaddem qabel fl-istabiliment tiegħu[5];

Illi l-imħarrek ħallas diversi somom kif miltub minn Webcraft, imma jilminta li Webcraft naqset li tfornih b'sistema tajjeb u li jaħdem, skond linji-gwida mfasslin f'rapport li huwa kien qabbad lil min jagħmillu u li jgħid li kien tah lil Webcraft qabel ma bdiet teżegwixxi l-ħatra mogħtija lilha;

Illi nqalgħu intoppi bejn il-partijiet billi l-imħarrek beda jilminta minn nuqqasijiet fis-sistema[6]. Webcraft intalbet tirrimedjahom u dan daħlet għalih maż-żmien[7]. L-imħarrek qabbad lil ħaddieħor biex jevalwalu s-sistema li tatu Webcraft;

Illi fid-29 ta' April, 2011[8], Webcraft interpellat lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex iħallasha l-bilanċ li kien jidher li baqa' ma tħallasx. Minħabba li l-imħarrek għarrafha[9] li ma kienx fi ħsiebu jħallas u ressaq ilmenti dwar is-sistema u dwar dak li ntalab iħallas għalih, fid-19 ta' Lulju, 2011, Webcraft fetħet din il-kawża biex titlob il-ħlas tal-bilanċ li hija kienet tistenna mingħand l-imħarrek;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-aspetti legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt stħarriġ. L-ewwel eċċezzjoni titkellem dwar in-nuqqas ta' siwi formali tal-att imressaq mill-imħarrek flimkien mat-Tweġiba

4 Dok "A", f'paġ. 23 tal-proċess
5 Affidavit ta' Chris Vassallo Dok "CV", f'paġ. 227 tal-proċess
6 Ara, b'eżempju Dok "WC10", f'paġġ. 174 – 7 tal-proċess
7 Ara Dok "WC11", f'paġġ. 179 - 180 tal-proċess
8 Dok "G", f'paġ. 214 tal-proċess
9 Dok "Ħ", f'paġ. 215 tal-proċess

Maħlufa tiegħu.  It-tieni eċċezzjoni titkellem dwar in-nuqqas ta' siwi ritwali tat-talba rikonvenzjonali fil-qafas tal-premessi msemmija f'dik il-kontro-talba.  Min-natura tal-eċċezzjonijiet u l-effetti li jista' jkollhom jekk kemm-il darba kellhom jintlaqgħu, l-Qorti sejra tibda tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari qabel l-oħra;

Illi Webcraft issejjes din **l-ewwel eċċezzjoni** fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta marbutin ma' dak li jipprovdu l-artikoli 398(2) u 156(1)(d) tal-istess Kodiċi;

Illi Webcraft tgħid li l-imħarrek ma ħarisx dak li titlob il-liġi dwar is-sura tal-kontro-talba, b'mod partikolari billi tgħid li ma ħarisx ir-regoli stabiliti dwar l-atti proċedurali li bihom jitressqu jew jinfetħu l-kawżi.  B'mod partikolari, Webcraft tirreferi għan-nuqqas tal-imħarrek li jagħmel it-twissija mitluba fl-artikolu 156(1)(d) tal-Kodiċi.  Huwa minnu li din it-twissija ma tinsab fl-ebda parti mill-att imressaq mill-imħarrek.  Webcraft tgħid li l-liġi titlob dik it-twissija b'mod mandatorju u n-nuqqas tagħha jwassal għal nullita' taħt l-artikolu 789(1)(ċ) u (d) li jitkellmu dwar ksur tal-forma meħtieġa u nuqqas ta' partikolarita' essenzjali f'att ġudizzjarju;

Illi Webcraft torbot is-sottomissjonijiet tagħha mal-fatt li meta tressqet it-Tweġiba Maħlufa mill-imħarrek u magħha l-azzjoni Rikonvenzjonali, in-notifika ma saritx lil Webcraft iżda lill-avukat tagħha.  Fuq kollox, tqis li n-nuqqas ma jistax ikun imsewwi taħt l-ebda dispożizzjoni tal-liġi u għalhekk huwa nuqqas li jirrendi l-att imressaq mill-imħarrek bħala wieħed null b'mod assolut;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-liġi ma tispeċifikax bi preċiżjoni kif għandu jitfassal l-att ġudizzjarju ta' azzjoni rikonvenzjonali.  Il-fatt li l-liġi tgħid li għandu jkun jixbah kemm jista' jkun "att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew" ma jfissirx li l-Kontro-Talba trid tkun preċiż bħal Rikors Maħluf li bih tinfetaħ il-kawża.  Żied jgħid li, fuq kollox, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) jitkellmu dwar ħsara li

ġġarrab parti minħabba n-nuqqas tal-att ġudizzjarju li jkun u dwar jekk tali ħsara tistax tissewwa b'mod ieħor;

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[10], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[11];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[12]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[13];

Illi, mbagħad, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[14]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarita' essenzjali" u mhux

[10] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[11] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[12] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju
[13] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ e****t* (mhix pubblikata)
[14] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

partikolarita' kwalsijasi. Biex partikolarita' f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

Illi jrid jingħad ukoll li l-istitut tar-rikonvenzjoni huwa regolat mil-liġi proċedurali tagħna b'dispożizzjonijiet partikolari li jitolbu l-ħarsien tagħhom dwar din il-"proċedura speċjali". Kif jiktbu l-awturi, huwa istitut li "*e` consentito, in base al principio della economia dei giudizi e al fine di evitare giudicati contradittorii, di trarre occasione dalla domanda dell'attore per proporre a sua volta contro di lui, in via riconvenzionale, un'altra domanda: una domanda ("azione") riconvenzionale*"[15];

Illi l-liġi trid li dik il-parti mħarrka li tkun trid (u tista') tagħmel il-proċedura tar-rikonvenzjoni, għandha tagħmel dan fit-Tweġiba tagħha bil-miktub. Tgħid ukoll li "l-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali"[16]. Għalkemm dan dejjem inftiehem bħala att li jitressaq fl-istess waqt li titressaq il-kontestazzjoni oriġinali għall-pretensjonijiet attriċi kif jinstabu fl-att promotur, huwa maħsub li l-att tal-kontro-talba ma hemmx għalfejn li tabilfors ikun parti mit-Tweġiba nnifisha (sakemm ikun kemm jista' jkun iħares il-forma tal-att proċedurali li bih il-proċediment ikun l-ewwel inbeda), għalkemm jitressaq magħha;

Illi meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u b'mod partikolari l-fatt li, minkejja n-nuqqasijiet formali li minnhom tilminta Webcraft, l-istess kumpannija attriċi rikonvenzjonata ressqet f'waqtha t-Tweġiba Maħlufa tagħha għall-Kontro-Talba tal-imħarrek (tant li l-eċċezzjonijiet mistħarrġa b'din is-sentenza tqajmu sewwasew fit-Tweġiba maħlufa tagħha), il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni tan-nullita' mhijiex mistħoqqa;

[15] M.T. Zanzucchi *Diritto Processuale Civile: Riconvenzione (Parte Generale)* (6[a] Ediz, 1964), paġ. 205
[16] Art. 398(2) tal-Kap 16

Illi f'każ li jixbah lil dan tal-lum, u fejn ukoll tressqet l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att sewwasew minħabba li ma saritx it-twissija stabilita fl-artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12, ingħad li "*Il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali; ma humiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil parti mezz biex tevadi l-obbligi tagħha jew biex taħli l-ħin. Kull partikolarita' li trid il-liġi tkun 'essenzjali' meta n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi tal-proċedura msemmija fuq*"[17]

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Webcraft mhijiex tajba u l-Qorti mhix sejra tilqagħha;

Illi dwar it-**tieni eċċezzjoni** jrid jingħad li din titkellem dwar irritwalita' "sostantiva" tal-Kontro-Talba tal-imħarrek. Webcraft tgħid li t-talba tal-imħarrek li jintraddlu minnha kulma kien ħallasha taħt il-kuntratt ma toqgħodx mal-premessi tal-istess att rikonvenzjonali (li jitkellem dwar l-allegat nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt) minbarra li l-liġi ma tagħtix lil parti f'kuntratt ir-rimedju tal-ħlas lura ta' dak li jkun ħallas bi twettiq tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Billi l-imħarrek baqa' mkien ma talab il-ħall tal-kuntratt jew it-tħaddim tal-patt kommisorju, t-talba tar-rifużjoni hija għal kollox irrita għaliex mhix fost ir-rimedji mogħtija mil-liġi. Fin-Nota studjata tagħha, Webcraft tgħaddi biex tagħmel rassenja ta' prinċipji dottrinali u fil-ġurisprudenza tal-kwestjoni tal-ħtieġa ta' talba speċifika dwar il-kondizzjoni riżoluttiva;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek rikonvenzjonant jisħaq li t-talba tiegħu għall-ħlas lura tas-somom li huwa ħallas lil Webcraft taqa' sewwasew fil-jeddijiet mogħtija mil-liġi bl-artikolu 1066(1) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa jgħid li t-talba tal-ħall tal-kuntratt seta' jagħmilha biss fejn il-kuntratt ikun għadu fis-seħħ u mhux ukoll wara li l-kuntratt ikun skada. Huwa jsemmi li l-ftehim li sar bejnu u Webcraft f'Settembru tal-2008 kien għal tliet (3) snin

[17] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***

u dawn skadew u b'hekk il-kuntratt ma baqax aktar fis-seħħ u wisq anqas kellu jitlob il-ħall tiegħu, aktar u aktar meta l-għażla tat-tiġdid kienet imħollija f'idejh;

Illi l-Qorti trid tgħid li meta kienet ordnat biex issir it-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, kienet fehmet li Webcraft kienet qajmet il-kwestjoni tan-nullita' tal-att minħabba l-inkompatibilita' tat-talbiet rikonvenzjonali. Fi kliem ieħor, kienet imxiet mal-ħsieb li tittratta dik l-eċċezzjoni bħala waħda ritwali marbuta mal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12. Minn dak li tressaq quddiemha fis-sottomissjonijiet tal-partijiet jidher li l-partijiet ressqu sottomissjonijiet fil-mertu li dwarhom hija għadha ma semgħetx provi u jeħtiġilha tisma' sewwa x'għandhom x'jgħidu l-partijiet qabel ma tgħaddi l-ġudizzju tagħha. Min-naħa l-oħra, ma saru l-ebda sottomissjonijiet dwar il-kwestjoni tan-nullita' formali tal-att rikonvenzjonali minħabba t-tieni talba f'dak l-att;

Illi, f'kull każ, it-talba għar-radd lura tal-flus imħallsa mhijiex it-talba rikonvenzjonali waħdanija u l-Qorti jidhrilha li, issa li jinsab iċċarat mill-partijiet li mhux qegħdin jiddiskutu s-siwi formali tal-att tal-Kontro-Talba minħabba f'hekk, ikun xieraq li din it-tieni eċċezzjoni tibqa' impreġudikata sakemm il-Qorti jkollha quddiemha l-fatti kollha tal-każ. Minn hemm tkun f'qagħda li tqis aħjar l-eċċezzjoni taħt eżami u tiddeċidiha wkoll fuq il-bażi tas-sottomuissjonijiet li sarulha sa issa mill-partijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija attriċi rikonvenuta dwar is-siwi tal-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrek *nomine*, billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fis-dritt;

**Tastjeni** milli tqis f'dan l-istadju tal-kawża t-**tieni eċċezzjoni** tal-istess kumpannija attriċi rikonvenzjonata għal wara li jkunu tressqu provi iżjed dettaljati mill-partijiet dwarha; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi tal-partijiet dwar l-azzjoni ewlenija u dik rikonvenzjonali u tirriżerva li tipprovdi wkoll dwar il-kap tal-**ispejjeż** marbutin ma' din is-sentenza meta tingħata s-sentenza tal-aħħar.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------